MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru. 203/2008

**Drogi 203/08**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Generoso Barbara.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Generoso Barbara ta’ 29 sena mwieled fil-Pieta’ fit-8 ta’ Diċe3mbru 1978 iben Nazzareno u Josephine nee Abela residenti no6 Triq Dun Mikiel Cassar Żejtun detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 582778(M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-31 ta’ Awwissu 2008 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;

(c) u aktar talli sar reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Appell, sentenza tat-12 ta’ Mejju 2003 konfermata mill-Qorti tal-Appell, sentenza tas-

17 ta’Ottubru 2006 mill-Maġistrat A Vella, u sentenza tat-23 ta’ Mejju, 2008 mill-Maġistrat Dr.J Apap Bologna.
(d) u aktar talli kiser il-kondizzjoni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta mill-Maġistrat A.Vella fl-24 ta’ Awwissu 2007.

2. Il-Qorti ntalbet li f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija l-Qorti tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatriet tal-esperti.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 5827 tas-sena 1978, il-fedina penali tal-imputat, l-ordni tal-Avukat Ġenerali, il-current incident report (fol.11), l-istqarrija tal-imputat a fol.13, il-current incident report a fol.26, il-kopja tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.Anthony Vella fis-17 ta’ Ottubru 2006, il-ħatra tal-espert is-sur Martin Bajada fis-seduta tal-24 ta’ Settembru 2008 u r-relazzjoni mħejjija mill-espert Martin Bajada (immarkat MB)(fol.39), is-sentenza mogħtija fit-12 ta’ Mejju 2003 (fol.43) mill-Prim Imħallef ,u r-rapport magħmul mill-Ispiżjar Mario Mifsud a fol.47.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha dedotti matul l-udjenza tas-27 ta’ Ottubru 2008 liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.

6. Stante din l-ammissjoni, l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

7. Il-Qorti kkonsidrat x’qal l-imputat fl-istqarrija tiegħu. Huwa qal li kien ipprepara l-erbatax-il karta d-dar sabiex jimlihom bid-droga u forsi jsib il-bejgħ tagħhom biex bil-flus ikun jista’ jissodisfa l-habit tiegħu. Fl-aħħar ħmistax kien biegħ id-droga f’diversi postijiet f’Malta.

**Konklużjoni**

8. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(b), 17(h), 18, 49 u 50 tal-Kap 9, l-artikolu 23 (1)(a) tal-Kap 446, l-artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278(1)(2), ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsmiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) u tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda.

9. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat huwa reċidiv u li kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza fejn ingħata liberta' bil-kundizzjoni. Min-naħa l-oħra, għalkemm l-imputat ma ammettiex fil-bidu nett ta' dawn il-proċeduri, ma baqax itawwal il-każ inutilment. Fil-fatt dan il-każ beda fit-2 ta' Settembru 2008 u saret ammissjoni fis-27 t'Ottubru 2008. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tmintax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta'€600 liema multa tista' titħallas b'pagamenti ta' €50 kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħalas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Miż-żmien ta' priġunerija għandu jinqata' kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv.

10. Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti kollha, kemm dawk maħtura waqt l-inkjesta taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Dr.Miriam Hayman kif ukoll dawk maħtura mill-Qorti kif preseduta u li ***parzjalment*** jammontaw għal (€383.47 + €279.52) jiġifieri €662.99.

11. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

***12. Il-Qorti qed tirrakkomanda lill-Awtoritajiet tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jibda jsegwi programm ta' riabilitazzjoni malli r-regolamenti jippermettu.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------